MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2009

Numru. 913/2008

**Il-Pulizja**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Deborah Farrugia**

Kumpilazzjoni: 913/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

Deborah Farrugia, ta' 24 sena, bint Dorothy Farrugia, imwielda il-Pieta', nhar id-29 ta' Gunju, 1984, u residenti fil-fond Flat 7, Entrance C, Triq il-Konti G.A Ciantar, Bella

Vista, Birkirkara, u detentrici tal-karta ta' l-identita` 346284M.

Akkuzata talli fil-1 ta' Novembru, 2003, ghall-habta tas-7:00pm, f'West Street, Valletta, waqt li kienet bil-vettura Nru. CBJ- 787, ingumbrat il-passagg liberu ghal traffiku iehor jew persuni fit-triq, (2) saqet l-imsemmija vettura Nru. CBJ – 787 minghajr ma kellha licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulzija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja specifikata (3) b'hekk ma kinietx koperta b'Polza tas-sigurta dwar ir-riskjji tat-terzi persuni, (4) kif ukoll saret recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 29/03/2001 (Magt.Dr.M.Hayman LL.D) u fil-31 ta' Ottubru, 2001 (Magt. Dr.J.Cassar LL.D), (5) u kisret il-providimenti ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 b'sentenza li saret definittiva u li ma tistax tigi mhassra, moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 31 ta' Ottubru, 2001 (Magt. Dr.J.Cassar LL.D).

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli jkollha jew tiehu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux inqas minn tnax –il xahar.

Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligjiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijit ta' Malta, l-artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 77 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum 15 ta' Gunju 2009 meta l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati migjuba kopntra l-imputata, l-ammissjoni taghha, l-fedina penali ta'l-imputata, kif ukoll il-fatt li din il-Qorti kif diversament preseduta diga ttrattat ma'l-imputata dwar ir-reati li taghhom instabet hatja fil-31 ta' Ottubru 2001 u dwarhom kienet tpoggiet taht ordni ta' probation.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligjiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijit ta' Malta, l-artikoli 7 u 23 al-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 77 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) li ghandha tithallas f'pagamenti mensili ta' hamsa u sebghin Euro (€75), l-ewwel pagament ghandu jsir f'l-1 ta' Lulju 2009. In oltre l-Qorti qed tiskwalifika lill-imputata minn kwalunkwe tip ta'licenzja ta' sewqan ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar. Peress illi din il-Qorti kif diversament preseduta diga trattat ma'l-imputata ghar-reati li taghhom instabet hatja fil-31 ta' Ottubru 2001 u dwarhom kienet tpoggiet taht ordni ta' probation mhux il-kaz li din il-Qorti kif preseduta terga titrattata ma'l-imputata ghal dawk ir-reati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------